# MABEL STRICKLAND

## Ħsibijiet imnebbħin mill-kitbiet mis-sensiela "Bejn Storja u Miti"; Editur: Sergio Grech; Pubblikazzjoni: Horizons



OMAR SEGUNA/pagnaletterarja@gmail.com




Ċertament li isem Mabel Strickland jibqa' sinonimu mal-ħidma ġurnalistika tagħha, bħala editur ta' "The Times of Malta" u l-ħidma politika tagħha, kemm flimkien ma' missierha Gerald Strickland u anke aktar tard bit-twaqqif tal-Partit Kostituzzjonali Progressiv. Ta' min ngħidu li fost il-kandidati ta' dan il-partit kien hemm l-awtur Ġużè Diacono, magħruf bil-bosta għall-Madonna taċ-Ċoqqa u anke għad-drammi tiegħu fosthom "L-Ewwel Jien" u "Erwieħ Marbuta".

Dawn iż-żewġ aspetti, il-ħidma politika u dik ġurnalistika huma importanti ħafna u jispikkaw fl-esperjenzi li għandna f'dan il-ktieb. Dwar Mabel Strickland (li f'dan l-artiklu se nirreferi għaliha biss bħala Mabel) saru diversi studji. Simon Mercieca jgħidilna li anke l-ġenjaloġija tal-familja tagħha ġiet studjata (Vassallo 1,3). Mercieca jsemmi wkoll il-ktieb ta' Joan Alexander, bħala wieħed mill-kitbiet ewlenin dwarha (p.151).

Mercieca jsejħilha bħala "l-persuna fdata biex kitbet il-bijografija awtorizzata tagħha" (p.151). Però jsemmi wkoll bijografija oħra kruċjali li hiaj dik ta' Anthony de Trafford (p.152).

Kif ġieli kkummentajt qabel, l-aktar aspett b'saħħtu f'dan il-ktieb huwa l-esperjenza diretta jew inkella indiretta, imma li tiġbor il-memorja kollettiva tal-personaġġ li jkun b'xi mod ħalla impatt fl-istorja ta' pajjiżna.

Fost l-awturi ta' dan il-ktieb insibu lil Victor Aquilina, Tonio Borg, Philip Calleja, George Cassar, Andre P. DeBattista, Max Farrugia, Laurence Grech, Victor Griffiths, Chandrika Kaul, Simon Mercieca, Godfrey A. Pirotta, John P. Portelli, Carmen Sammut u Nadia Abdilla, George Sammut, Charles Xuereb u naturalment l-editur innifsu Sergio Grech li kiteb l-introduzzjoni u tana wkoll dettalji oħrajn li jgħinnuna nifhmu aħjar lil din il-persuna importantissima.

L-importanza ta' Mabel ma kinitx fil-fehma tiegħi għax kellha t-tmum tal-pajjiż f'idejha. Huwa minnu li kienet fil-politika meta l-Partit Kostituzzjonali ta' missierha (Stricklandjan) kellu aktar poter. Imma l-ikbar impatt kien bl-involviment tagħha f'bosta deċiżjonijiet u bil-ħidma tagħha f'dak li kien tant għal qalbha.

Biżżejjed insemmu kemm kien diffiċli għal mara li toħroġ fl-isfera pubblika. Biżżejjed insemmu wkoll l-influwenza tal-mezzi ta' komunikazzjoni tagħha fuq is-soċjetà. Naħseb dawn iż-żewġ elementi jsawru l-impatt ta' din il-persuna fuq is-soċjetà Maltija u huma evidenti fil-kitbiet ta' dawn l-awuri.

### ĦIDMA POLITIKA

Il-Manifest Elettorali li ġie mniedi fil-31 ta' Ottubru tal-1953, jgħid li l-Partit Kostituzzjonali Progressiv jemmen (p.77):

- Li l-bidla hi inevitabbli;
- Li l-bidliet għandhom jieħdu l-forma ta' evoluzzjoni u mhux revoluzzjoni;
- F'pajjiz immexxi minn sistema ta' Self-Government fi ħdan il-Commonwealth;
- Li l-pajjiż jibqa' jaderixxi għat-tagħlim tal-Knisja Kattolika li hu leali lejn il-Kuruna Ingliża;
- Fil-bżonn ta' ġlieda ħarxa kontra l-Komuniżmu;
- Fi ġlieda ħarxa kontra l-korruzjoni;
- Fi sħubija man-NATO;
- Fl-importanza tal-emigrazzjoni biex jinżamm livell tajjeb tal-impjiegi f'Malta;
- Fil-bżonn ta' *living wage* għall-ħaddiema ... u bosta oħrajn.

Il-Partit issejjaħ "Progressiv" għax jemmen li l-bidla fid-dinja hi inevitabbli imma, fl-istess ħin, dawn il-bidliet għandhom jieħdu l-forma ta' evoluzzjoni u mhux rivoluzzjoni. Il-PCP jemmen li f'pajjiż immexxi minn sistema jaderixxi għat-tagħlim tal-Knisja Kattolika u hu leali lejn il-Kuruna. Jemmen ukoll fil-bżonn li jkun hemm ġlieda.

Ikun żball ukoll jekk nif-fokaw il-ħidma ta' Mabel mit-twaqqif tal-Partit Kostituzzjonali Progressiv. Fil-fatt Tonio Borg jargumenta li "il-ħajja pubblika ta' Mabel Strickalnd wieħed jista' jaqsamha fi tnejn: Is-sehem tagħha fil-partit ta' missierha, Lord Gerald Strickland, il-Partit Kostutizzjonali .... u l-fażi wara t-Tieni Gwerra Dinija." (p.29). Borġ isostni li sa qabel il-gwerra l-avversarju ta' Mabel kien in-nazzjonaliżmu kif kien rappreżentat mill-Partit Nazzjonalista li "li kienet tarah bħala wisq pro-Taljan".

Iżda wara l-gwerra meta l-kwistjoni tal-lingwa kienet indifnet, l-avversarju sar il-Perit Mintoff għaliex bdiet tara li s-soċjaliżmu li kien iħaddan kien inkompatibbli ma' dak tal-Punent, fi żmien tal-Gwerra Bierda. Fost l-eżempji li Borg jagħti li juri meta Mabel ħadmet favur il-Partit Nazzjonalista kienu li rrifjutat li twaqqa' l-Gvern ta' koalizzjoni Borg Oliver-Boffa (1951-1955) u anke li ironikament opponiet l-Integration mal-Ingilterra kif proposta minn Dom Mintoff. Mill-banda l-oħra Victor Aquilina jgħid li "Mabel kienet temmen li Malta għandu jkollha assoċjazjoni mill-qrib mar-Renju Unit, tant li kienet tiftaħar li kienet hi, ħafna qabel Mintoff, li pproponiet li Malta tagħmel parti mir-Renju Unit" (p.15).

Andre P. DeBattista jitkellem dwar il-fatt kif anke bejn l-1951 u l-1958 il-Perit Mintoff sar is-suġġett t'attakk minn Mabel. "F'*corner meeting* fir-Rabat twissli liż-żgħażagħ biex ma jaqgħux għat-tattiċi tiegħu" (p.75). Ta' min wieħed jgħid li peress li qajla kienet titkellem bil-Malti, fil-*corner meetings* tagħha ftit li xejn kien ikun hemm nies (p.18). Dan l-aspett tal-*meetings* jikkonermah ukoll John P. Portelli (p.195).

Tajjeb insemmu l-aspett uman li joħroġ ukoll f'dawn il-kitbiet. Ngħidu aħna, id-differenzi bejn Mabel u l-Partit Kostituzzjonali ħallew il-konsegwenzi tagħhom fuqha.

Dan minħabba li oħtha Cecilia de Trafford baqgħet parti mill-Partit Kostituzzjonali (p.76).

Il-vot tal-mara iżda jispikka f'bosta minn dawn l-awturi li qasmu magħna din l-esperjenza Victor Aquilina jgħid li pass importanti kien meta tħalliet tieħu sehem fil-"Women of Malta Association, pass li ġi meqjus bħala approvazzjoni għad-dritt tal-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel (p.20). Naħseb ma nistgħux ma nsemmux l-istudju dettaljat dwar il-vot tal-Mara ta' Carmen Sammutu Nadia Abdilla (p197) li anke jipprovdu sfont storiku u soċjali għal dan.

### ĦIDMA ĠURNALISTIKA

Naħseb l-aktar mod li jista' jiddeskrivi l-pinna ta' Mabel Strickland nistgħu nisiltuh minn dak li qal il-Perit Mintoff dwarha u li Victor Aquilina għażel bħala titlu għall-artiklu tiegħu f'dan il-ktieb "Queen of the Presss".

Mintoff jgħid li Mabel ma setgħetx issib evidenza ta' rabta jew sħubija mill-qrib mal-purtiera tal-ħadid u allura kienet tipprova ssib ix-xagħra fl-għaġina u taqbad ma' elementi li kienu jixbhu dawk tal-komunisti. Nifhmu li fost dawn kien hemm dawk tal-ġustizzja soċjali, trejdunjonistiċi u l-pjan ta' Mintoff li ċċentralizza u nnazzjonalizza bosta oqsma. Mintoff jgħidilna, "Unable to produce evidence of honest-to-goodness communist infiltration in the ranks of the largest political party in Malta, Miss Strickland's press picks out through a microscope anything that can be remotely equated as similar to views expressed by communist organizations" (p.23).

Fi żmien Gvern Laburista 1971-1987 "The Times of Malta" ġiet attakkata wkoll wara l-artikli tagħha b'mod konsistenti kontra l-Perit Mintoff.

### KONKLUŻJONIJIET

Mhux sorpriż li Mabel Strickland sabet postha f'din is-sensiela "Bejn Storja u Miti". Ħadmet fil-qrib ta' missierha permezz tal-Partit Kostituzzjonali li bejn l-1926 u l-1932 ingħaqad mal-Partit Laburista u kien iffurmat il-Gvern tal-Compact. Kienet strumentali f'bosta deċiżjonijiet importanti, voċifiera kontra x-xellug tal-Perit Mintoff u fl-istess ħin konsistenti fuq bosta prinċipji.

Dan kollu f'soċjetà li ma kinitx tagħraf post il-mara fl-isfera pubblika. Mabel tibqa' ħolqa bejn il-kuruna u pajjiżna u ebda studju dwar l-istorja politika ta' pajjiżna ma jista jqabbiżha.